IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

2 ta' Ġunju 2017
44/2017

# KUNĊERT MILL-KOR PERSONALI TAL-PAPA FRANĠISKU

Il-Kor Cappella Musicale Pontificia Sistina, il-kor personali tal-Papa, ser jagħti kunċert ta' mużika sagra bl-isem 'Exsultate Deo', nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju, fis-7:30 p.m., fil-KonKatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Din hija opportunità unika għal kull min jixtieq jattendi kunċert mill-kor tal-Papa, l-iktar kor antik fid-dinja, li huwa responsabbli mill-akkumpanjament mużikali taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi ppreseduti mill-Papa Franġisku.

Ir-repertorju tal-kunċert f'Malta jikkonsisti f'siltiet mużikali ta' kompozituri Ewropej tas-seklu 16, li huma magħrufa l-iktar għall-mużika sagra. Dawn jinkludu 'Miserere' tal-kompożitur Gregorio Allegri, u siltiet mużikali oħra minn Orlando di Lasso, Giovanni Pierliugi da Palestrina u Tomás Luis de Victoria, u wkoll silta mużikali Gregorjana.

Dan il-kor polifoniku, li l-istorja tiegħu tmur lura għall-ewwel sekli tal-Knisja, hu ffurmat minn 35 tifel, li jkantaw il-vuċijiet tas-soprani u l-alti, u minn 20 adulti, 11-il tenur u 9 baxxi. Il-kor hu mmexxi mis-surmast Mons. Massimo Palombella, saċerdot Salesjan.

Il-kor tal-Kappella Sistina, minbarra li janima ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi mmexxija mill-Papa fil-Vatikan, jagħti wkoll numru ta' kunċerti bħala parti mill-missjoni tiegħu li jwassal il-Bxara t-Tajba tal-Evanġelju permezz tal-kant u l-mużika. Fix-xhur li ġejjin, għall-ewwel darba, il-kor ser jagħti kunċert f'Detroit, l-Istati Uniti.

Il-biljetti għall-kunċert, li qed jiġi organizzat mill-Arċidjoċesi ta' Malta b'korteżija tal-Victoria International Arts Festival, jinxtraw online mill-websajt www.teatrumanoel.com.mt. Japplikaw ukoll rati speċjali għall-persuni b'diżabilità, l-anzjani u l-istudenti. L-organizzaturi jixtiequ jfakkru li mhux permess li jintlibsu tkaken *stiletto* fil-KonKatidral ta' San Ġwann.

Dan il-kunċert qed jittella' wkoll bl-appoġġ tal-APS Bank, il-Kunsill Malti għall-Arti, u t-Teatru Manoel.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**